**TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**(GHAWDEX)**

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tat-Tlieta 4 ta' Ottubru 2016

Avviz Numru 24/2016

Dr. Joseph Xuereb u Alessia Xuereb.

vs

Caroline Floyd u John Delaney.

It-Tribunal

Ra' l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenuti jhallsuhom is-somma ta' erbat elef, mija u tnejn u erbghin Ewro (€ 4142) oltre l-interessi rapprezentanti arretrati ta' kera tal-fond 17, Triq Sdieri, Gharb, Ghawdex kif ukoll in lineja ta' hlas ta' kera ta' meters u konsum tad-dawl u l-ilma. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra ufficcjali ta' Dicembru 2015 u ta' mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment.

Ra' r-risposta tal-konvenuti fejn dawn talbu *breakdown* ta' l-ammont reklamat u fejn talbu illi l-ammonti reklamati ghandhom jigu pruvati skond il-ligi u kif ukoll fejn eccepew illi minn l-ammont rikjest gandhom jitnaqqsu d-depoziti mhallsa u xi danni sofferti.

Ra' l-atti kollha.

Sema' x-xhieda bil-gurament. Ra' d-dokumenti esebiti.

Ra' d-digriet tat-22 ta' Settembru 2016 illi permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza xhed l-attur fejn spjega t-talba tieghu li huwa sussegwentament issostanzja permezz ta' ghadd ta' dokumenti esebiti a fol 28 et seq tal-process.

Illi l-konvenuti minkejja li prezentaw risposta qatt ma dheru quddiem it-Tribunal, hlief ghal darba meta deher l-avukat taghhom. Qatt ma gabu xi provi biex ixejnu it-talbiet attrici jew parti minnhom.

Illi min naha l-ohra mid-dokumenti prezentati minn l-atturi jidher illi l-ammont rejalment dovut, kif mahdum minn l-atturi stess ma huwiex dak mitlub fl-avviz tat-talba izda ammont inferjuri tlett elef, mija u sebgha u tletin ewro u sittin centezmu (€ 3137.60). (ara rendikont a fol 27 tal-process). Dan huwa l-ammont li ser jigi kanonizzat b'din is-sentenza.

Dwar l-imghax dan it-Tribunal ma jistax jakkolji din it-talba b'effett mid-data ta' l-ittra ufficcjali msemmija stante illi l-istess ittra qatt ma giet esebita. Minhabba f'hekk ukoll l-ispejjes ta' l-istess ittra u tal-mandat ta' sekwestru li kopja tieghu l-anqas giet prezentata l-anqas jistghu jigu akkolti.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' limitatament it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenuti ihallsu lil atturi s-somma ta' tlett elef, mija u sebgha u tletin ewro u sittin centezmu (€ 3137.60). Bl-imghax mid-data ta' dan l-avviz il-quddiem. Fic-cirkostanzi fejn it-talba attrici ma gietx milqugha in toto l-ispejjes ta' din il-kawza biss

eskluzi xi atti ohra, jitbghatew kwantu ghal kwart minn l-atturi u tlett kwarti mill-konvenuti.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur